MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru. 783/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Alfred Bugeja**

Kumpilazzjoni Nru: 783/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Bugeja, ta' 52 sena, iben Costantino u Helen nee' Vidal, imwieled il-Pieta fit-3 ta' Dicembru, 1957 u joqghod fil-fond numru Blokk A, Flat 4, Triq il-Ghajn, Valletta, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 828557(M).

Akkuzat talli fit-23 ta’ Awwissu, 2008, ghall-habta tas-6pm, fi Triq Burmarrad, Burmarrad, flimkein ma’ Anthony Zammit, ikkometta serq ta’ zewg basktijiet bi flus kontanti, cekkijiet, scratch cards u mobile phone top-up vouchers, fost affarjiet ohra, minn vettura Skoda Felicia, numru tar-registrazzjoni JAB 991, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccediex l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-dannu ta’ Maria Aloysia Suda u/jew ta’ persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data u hin, kif ukoll iktar qabel kif ukoll wara l-hin indikat, fl-inhawi ta’ Burmarrad u f’diversi inhawi ohra ta’ Malta saq vettura Mercedes Benz, numru tar-registrazzjoni JBJ 764, meta l-licenzji kollha tas-sewqan mahruga f’ismu mill-awtorita’ kompetenti jinsabu sospizi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 31 ta’ Jannar, 2008 u b’hekk saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta dwar riskji ta’ terzi persuni.

Fl-ahharnett, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, permezz ta’ diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(g), 267, 271 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk ta’ serq aggravat u ta’ sewqan minghjar licenzja u minghajr kopertura ta’polza ta’ assikurazzjoni; l-imputat huwa akkuzat ukoll li huwa recidiv.

Illi mid-depozizzjoni tal-parte leza Maria Aloysia Suda, jirrizulta li nhar it-23 ta’ Awissu 2008 meta hija kienet ghadha kif ghalqet il-banka tal-lottu li hija tigestixxi f’ Burmarrad mar fuqha ragel li rrimarka dwar il-fatt li kienet lahqet ghalqet u staqsija fejn  seta’ jsib banka tal-lottu miftuha. Dak il-hin Suda innotat li l-vettura taghha ipparkjata immedjatament faccata tal-banka tal-lottu kellha puncture; ir-ragel in kwistjoni insista li jbiddel it-tyre hu. Waqt li Suda qeghdet il-basktjiet li kellha f’idejha fuq is-seat ta’ wara tal-vettura u daret biex tiftah il-hatch back ir-ragel li kien hemm hataf il-basktijiet u telaq jigri. Fil-basktijiet Suda kellha flus kontanti, scratch cards, top-up cards ta’ mobile phones, kif ukoll cheques u affarijijet personali taghha inkluz il-karta ta’l-identita u l-licenzja tas-sewqan. Ghalkemm Suda ma setghtex tghati valur preciz ta’l-oggetti li nsterqu zgur li l-ammont jeccedi mitejn u erbgha u tlettin Euro (Euro 234).

Illi din il-persuna sussegwentement irrizulta li kien Anthony Zammit; dan fil-fatt ikkonferma mhux biss lill-pulizija dawn il-fatti imma anke (f’proceduri separati) ammetta formalment ghar-reati lilu addebietati in konessjoni ma’ dan l-incident.

Illi persuni li kienu fil-vicinanzi, senjatament il-konjugi Pacifico u Teresa Agius, li joqghodu fil-vicinanzi ta’ fejn sehh l-incident u li ukoll ghandhom hanut fi Triq Burmarrad raw vettura ta’ tip Mercedes kulur griz u li fiha kien hemm zewg irgiel; kienet facli hafna ghal Pacifico Agius jidentifika din il-vettura stante li hija identika ghal tieghu, cioe huwa ghandu vettura ta’ l-istess marka, mudell u kulur. Fil-fatt dan Pcifico Agius ra din il-vettura kemm hdejn il-garaxx tieghu (meta huwa mar ghall-karozza tieghu ghaliex kellu qadja San Pawl il-Bahar) kif ukoll meta kien qed jitrritorna lura id-dar meta ra l-istess vettura wieqfa (flimkien ma’ vetturi tal-pulizija) hdejn ir-roundabout ta’l-erba imwiezeb f’ San Pawl il-Bahar.

Illi z-zewg konjugi Agius raw il-vettura ipparkjata Burmarrad fit-triq li fid-direzzjoni taghha Suda rat lil Anthony Zammit jigri wara li hatfilha l-basktijiet. Kienet permezz ta’ telefonata anonima li l-pulizija gew infurmati bin-numru (kif ukoll il-marka) tal-vettura li kienet involuta fis-serqa.

Illi dan Anthony Zammit xehed f’dawn il-proceduri u huwa ikkonferma li kien iltaqa b’kumbinazzjoni ma’l-imputat u marru Burmarrad. Fi triqthom iddeciedew li jaghmlu din is-serqa. Zammit spjega li ma xtaqx li jweggghu lil sid il-banka tal-lottu u kien ghalhekk li hasbu li jniezzlul it-tyre tal-karozza li huma assumew li kienet taghha (dan minhabba li kienet ipparkjata f’parking bay rizervata ghall-banka tal-lottu). Zammit qal ukoll li huma waslu Burmarrad ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofs in-nhar, hu baqa hemm il-hin kollu fil-waqt li l-imputat beda gew u sejjer. Zammit spjega ukoll li huma kienu miftehmin li wara li jiehu l-basket ta’ Suda jitla fi Triq id-Dejqa; hu hekk ghamel pero l-imputat ma kienx hemm ghalhekk kompla jigri u ra lill-imputat fi triq ohra, l-imputat waqqafflu u telqu ‘l hemm.

Illi l-imputat xehed ukoll; huwa jichad l-involviment tieghu f’dan l-incident. Huwa spjega li b’kumbinazzjoni iltaqa’ ma’ Zammit li talbu lift ghal Bugibba. Meta waslu Burmarrad Zammit iddecieda li jieqaf hemm ghalhekk l-imputat waqqfu hdejn il-knisja; komplew jitkellmu ftit hemm u wara l-imputat baqa sejjer ghand wiehed jafu: “Tano tal-prime” f’Burmarrad stess. L-imputat kompla jghid li huwa ma damx Burmarrad u minn hemm baqa sejjer Bugibba fejn mar jixrob ghand certu Omar fejn qal li dam siegha u nofs. Huwa kompla jispjega li hu u sejjer lura d-dar ghadda minn Burmarrad pero hdejn tal-fjuri (Piscopo Gardens) dahal fit-triq li tghati ghat-tela’ t’Alla u Ommu; hekk kif dar f’dik it-triq ra lil Zammit li kellu xi basktijiet f’idejh, waqqaflu u dan dahal fil-karozza ta’l-imputat. L-imputat kompla jispjega li stqasa lil Zammit x’kienu dawk il-basktijiet u dan qallu li kien seraq lil wahda. Meta sema’ hekk l-imputat inhasad u beda jghid lil Zammit li dawn mhux affarijiet li jsieru u li kienu ser jidhlu f’l-inkwiet; l-imputat qal lil

Zammit biex jitfa' kollox 'l barra mill-karozza u dan hekk ghamel. L-imputat innega li hu kien jaf x'kien ser jaghmel Zammit u li huwa kellu x'involviment fis-serqa mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti pero ma ssibx il-verzjoni mghotija mill-imputat bhala wahda verosimili; in oltre l-imputat stess qajjem dubbju dwar dak li huwa qal fid-depozizzjoni tieghu.

Illi fil-kontroezami ta' Anthony Zammit -- kontroezami li sar mill-istess imputat -- l-imputat issugerixxa lil Zammit li meta waslu Burmarrad huwa (cioe l-imputat) wissa' lil Zammit diversi drabi biex jitilqu 'l hemm u ma jaghmlu xejn. Zammit innega li sar xi diskors f'dan is-sens. Ir-relevanza ta' din il-mistoqsija li ghamel l-imputat mhux daqstant ir-risposta imma l-implikazzjoni li l-imputat kien jaf ezattament b'dak li kien ser jsir.

Illi tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

Illi jirrizulta mill-provi li fil-gurnata in kwistjoni l-imputat kien qed isuq vettura, Mercedes b'numru ta' registrazzjoni JBJ 764, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan.

Illi pero l-prosekuzzjoni naqset li ggib prova li l-vettura misjuqa mill-imputat fil-gurnata in kwistjoni ma kenitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni, jew jekk kienet koperta bil-polza li din ma kienitx tkopri lill-imputat. Fid-depozizzjoni taghhom iz-zewg rapprezentanti ta'l-Awtorita Maltija dwar it-Trasport qalu biss li l-imputat ma kellux licenzja ghas-sewqan u f'isem min kienu registrati il-vetturi involuti fil-kaz; hadd minnhom ma' qal li l-vettura misjuqa ma kenitx licenzjata ghat-triq u huwa f'dan il-kaz biss li l-oneru tal-prova tal-kopertura ta' l-assikurazzjoni ddur fuq l-imputat. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni tirrizulta pruvata biss in kwantu tireferi ghal sewqan minghajr licenzja.

Illi l-imputat gie akkuzat li huwa recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9. In sostenn ta' din l-imputazzjoni gew prezentati erbgha sentenzi mghotija fil-

konfront ta’ l-imputat. Minn ezami ta’ dawn is-sentenzi jirrizulta ampjament li l-imputat huwa recidiv ai temini ta’ l-artikoli kwotati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati u l-fedina penali ta’l-imputat li minnha jirrizultaw ghadd kbir ta’ kundanni ghal diversi reati. Huwa car li l-imputat ghadu ma tghallimx li l-ligijiet qeghdin hemm biex jigu rispettati; jidher ukoll li l-imputat ghadu jahseb li huwa jista’ jaghmel li jrid, ma juri l-ebda rimors ghal dak li jaghmel u m’hu qed jaghmel xejn biex forsi jibda jirriabilita ruhu. Fic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma lil l-piena ghandha tkun wahda aktar qrib tal-massimu permess mill-Ligi milli tal-minimu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu biss tirreferi ghal sewqan ta’ vettura minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(g), 267, 271 u 289 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 30 ta’l-imsemmi Kapitolu 9 qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ ghaxar (10) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------